REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1639

tat-13 ta' Lulju 2018

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi tal-kodiċi ta' kondotta li għandhom jiġu żviluppati minn amministraturi ta' parametri referenzjarji li huma bbażati fuq *data* tal-input minn kontributuri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 ([1]), u b'mod partikolari r-raba paragrafu tal-Artikolu 15(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2016/1011 jesiġi li amministratur ta' parametru referenzjarju li jkun ibbażat fuq *data* tal-input minn kontributuri jiżviluppa kodiċi ta' kondotta għal dak il-parametru referenzjarju li jispeċifika biċ-ċar ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-kontributuri fir-rigward tal-kontribut tad-*data* tal-input. Jekk amministratur iforni familja ta' parametri referenzjarji li jikkonsistu f'aktar minn parametru referenzjarju wieħed fuq il-bażi ta' *data* tal-input minn kontributuri, il-kodiċi ta' kondotta uniku jista' jiġi żviluppat għal familja ta' parametri referenzjarji. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament jelenka l-elementi li jridu jiġu inklużi, bħala minimu, f'kull kodiċi ta' kondotta żviluppat skont dak l-Artikolu. L-ebda kodiċi ta' kondotta mhu meħtieġ jekk il-parametru referenzjarju huwa parametru referenzjarju ta' *data* regolata kif definit fl-Artikolu 3(1)(24) ta' dan ir-Regolament.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-parametru referenzjarju jiġi determinat b'mod korrett, huwa kruċjali li d-*data* tal-input ipprovduta mill-kontributuri jkollha l-karatteristiċi kollha meħtieġa mill-metodoloġija u tkun kompluta. Jinħtieġ li għalhekk l-kodiċi ta' kondotta jiddeskrivi dawk il-karatteristiċi f'biżżejjed dettall u jispeċifika liema *data* għandha tiġi kkunsidrata mill-kontributur, liema *data* l-kontributur jista' jeskludi u kif il-kontributur għandu jittrażmetti d-*data* tal-input lill-amministratur.

(3) Fattur ewlieni fl-iżgurar tal-integrità ta' parametru referenzjarju bbażat fuq kontribuzzjonijiet tad-*data* tal-input huwa li l-persuni maħtura mill-kontributur li jippreżenta *data* tal-input jkollu l-għarfien, ħiliet, taħriġ u esperjenza korretti biex iwettaq dan ir-rwol. Jinħtieġ li għalhekk l-kodiċi ta' kondotta jinkludi dispożizzjoni li tirrikjedi li kull kontributur iwettaq għadd ta' verifiki fir-rigward ta' dawk li għandhom isiru sottomettenti, qabel ma jawtorizzahom bħala sottomittenti.

(4) L-affidabbiltà ta' parametru referenzjarju jiddependi ħafna fuq il-korrettezza tad-*data* tal-input tiegħu. Għalhekk huwa kruċjali li l-kontributuri jiċċekkjaw id-*data* qabel u wara sottomissjoni għal kull entrata suspettuża u wkoll biex jikkonfermaw il-konformità mar-rekwiżiti tad-*data* tal-kodiċi tal-kondotta. Jenħtieġ li għalhekk il-kodiċi ta' kondotta jinkludi dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-kontributuri jwettqu kontrolli ta' qabel u wara l-kontribuzzjoni tad-*data*.

(5) Ir-riskju ta' żball jew manipulazzjoni probabbilment huwa l-iktar f'każijiet fejn il-kontributuri jistgħu jeżerċitaw diskrezzjoni fil-kontribuzzjoni ta' *data* tal-input. Jinħtieġ li għalhekk il-kodiċi ta' kondotta jirrikjedi lill-kontributuri jistabbilixxu politiki li jispeċifikaw meta, kif u mingħand min tista' tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni.

(6) Jenħtieġ li l-kodiċi ta' kondotta jinkludi dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-kontributuri jżommu rekords ta' *data* li tkun ġiet ikkunsidrata għal kull kontribuzzjoni u kull eżerċizzju ta' diskrezzjoni. Dawn ir-rekords ikunu għodda essenzjali biex jiġi stabbilit jekk kontributur ikunx segwa l-politiki meħtieġa mill-kodiċi ta' kondotta li għandhom l-għan li jiżguraw li tiġi pprovduta d-*data* tal-input rilevanti.

([1]) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

(7) L-identifikazzjoni u l-ġestjoni kif imiss tal-kunflitti ta' interess fil-livell tal-kontributuri huwa pass neċessarju lejn l-integrità u l-preċiżjoni tal-parametri referenzjarji. Għal din ir-raġuni, jinħtieġ li l-kodiċi ta' kondotta jkun fih dispożizzjonijiet li jeħtieġu li s-sistemi u l-kontrolli tal-kontributur jinkludu reġistru ta' kunflitti ta' interess li fih il-kontributur jinħtieġ li jirreġistra l-kunflitti ta' interess identifikati u l-miżuri meħuda biex dawn jiġu mmaniġġati.

(8) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jevita li jpoġġi piż amministrattiv eċċessiv fuq l-amministraturi u l-kontributuri fir-rigward ta' parametri referenzjarji sinifikanti u mhux sinifikanti billi jippermetti lill-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti jew mhux sinifikanti li jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta li huma anqas dettaljati minn dawk meħtieġa għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika.

(9) Jinħtieġ li l-amministraturi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju l-kodiċijiet ta' kondotta li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jinħtieġ li għalhekk dan ir-Regolament jibda japplika xahrejn wara li jidħol fis-seħħ.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.

(11) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deskrizzjoni tad-data tal-input

Il-kodiċi ta' kondotta li għandu jiġi żviluppat mill-amministratur skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 ("il-kodiċi ta' kondotta") għandu jinkludi deskrizzjoni ċara, u r-rekwiżiti fir-rigward, tal-inqas il-kwistjonijiet li ġejjin fir-rigward tad-*data* tal-input li għandha tiġi pprovduta:

(a) it-tip jew tipi ta' *data* tal-input li tiġi pprovduta;

(b) l-istandards meħtieġa rigward il-kwalità u l-preċiżjoni tad-*data* tal-input;

(c) il-kwantità minima ta' *data* tal-input li għandha tiġi pprovduta;

(d) l-ordni ta' prijorità, jekk ikun hemm, li fih tipi differenti ta' *data* tal-input għandha tiġi kontribwita;

(e) il-format li fih id-*data* tal-input għandha tiġi pprovduta;

(f) il-frekwenza tas-sottomissjoni tad-*data* tal-input;

(g) iż-żmien tas-sottomissjoni tad-*data* tal-input;

(h) il-proċeduri, jekk ikun hemm, li kull kontributur ikun meħtieġ li jkollu fis-seħħ għall-aġġustamenti u l-istandardizzazzjoni tad-*data* tal-input.

Artikolu 2

Sottomittenti

1. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw li persuna tkun permessa biss taġixxi bħala sottomittent ta' *data* tal-input f'isem il-kontributur jekk il-kontributur ikun sodisfatt li l-persuna għandha l-ħiliet, l-għarfien, it-taħriġ u l-esperjenza meħtieġa għal dan ir-rwol.

2. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jiddeskrivi l-proċess ta' diliġenza dovuta li kontributur huwa meħtieġ iwettaq sabiex ikun sodisfatt li persuna għandha l-ħiliet, l-għarfien, it-taħriġ u l-esperjenza meħtieġa biex jippreżenta *data* tal-input f'ismu. Id-deskrizzjoni ta' dan il-proċess għandha tinkludi r-rekwiżit li jsiru verifiki li jivverifikaw:

(a) l-identità tal-persuna;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

(b) il-kwalifiki tal-persuna; kif ukoll

(c) ir-reputazzjoni tal-persuna, inkluż jekk il-persuna tkunx ġiet preċedentement eskluża milli tippreżenta *data* tal-input għal parametru referenzjarju għal raġunijiet ta' mġiba ħażina.

3. Il-kodiċi ta' kondotta jispeċifika l-proċess u l-mezz ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw minn kontributur biex jinnotifika lill-amministratur bl-identità ta' kwalunkwe persuna li tippreżenta *data* tal-input f'ismu, sabiex jippermetti lill-amministratur jivverifika li sottomittent ikun awtorizzat li jibgħat id-*data* f'isem il-kontributur.

Artikolu 3

Politiki biex jiġi żgurat li kontributur jipprovdi d-data tal-input rilevanti kollha

Il-kodiċi ta' kondotta għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-kontributuri jkollhom fis-seħħ u jikkonformaw ma' tal-anqas il-politiki li ġejjin:

(a) politika ta' *data* tal-input li tinkludi mill-inqas deskrizzjoni ta':

(i) id-*data* li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni tad-*data* tal-input; kif ukoll

(ii) id-*data* li l-kontributur jista' jeskludi minn kontribuzzjoni ta' *data* tal-input, flimkien mar-raġuni jew ir-raġunijiet li għalihom din id-*data* tista' tiġi eskluża;

(b) politika dwar it-trażmissjoni tad-*data* lill-amministratur li tinkludi mill-inqas:

(i) deskrizzjoni tal-proċess li għandu jintuża għat-trasferiment sigur tad-*data*; kif ukoll

(ii) pjanijiet ta' kontinġenza għas-sottomissjoni tad-*data* tal-input f'każ ta' diffikultajiet tekniċi jew operattivi li, fl-assenza temporanja ta' sottomittent jew in-nuqqas ta' disponibbiltà tad-*data* tal-input meħtieġa mill-metodoloġija.

Artikolu 4

Sistemi u kontrolli

1. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw li s-sistemi u l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 15(2)(d) tar-Regolament (UE) 2016/1011 jinkludu, fost affarijiet oħra, l-elementi li ġejjin:

(a) kontrolli ta' qabel il-kontribuzzjoni biex tiġi identifikata kwalunkwe *data* tal-input suspettuża, inklużi kontrolli f'forma ta' rieżami tad-*data* minn persuna oħra;

(b) kontrolli ta' wara l-kontribuzzjoni li jikkonfermaw li d-*data* tal-input ġiet ikkontribwita f'konformità mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta u biex jidentifikaw kwalunkwe *data* tal-input suspettuża;

(c) monitoraġġ tat-trasferiment tad-*data* tal-input lill-amministratur skont il-politiki applikabbli.

2. Il-kodiċi ta' kondotta jista' jippermetti lil kontributur li juża sistema awtomatizzata għall-kontribuzzjoni ta' *data* tal-input li fiha persuni fiżiċi ma jkunux kapaċi jimmodifikaw il-kontribuzzjoni ta' *data* tal-input, biss jekk il-kodiċi ta' kondotta jagħmel tali permess suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontributur ikun jista' jimmonitorja l-funzjonament tajjeb tas-sistema awtomatizzata fuq bażi kontinwa; kif ukoll

(b) il-kontributur jikkontrolla s-sistema awtomatizzata wara kull aġġornament jew bidla għas-softwer tagħha, qabel ma tiġi kkontribwita *data* tal-input ġdida.

F'dan il-każ, kodiċi ta' kondotta ma jirrikjedix li l-kontributur ikun meħtieġ jistabbilixxi l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jiddefinixxi l-proċeduri li kontributur irid jkollu fis-seħħ biex jindirizza kull żball fid-*data* tal-input ikkontribwita.

4. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jirrikjedi li l-kontributur jagħmel rieżami tas-sistemi u l-kontrolli stabbiliti minnu fir-rigward tal-kontribut tad-*data* tal-input fuq bażi regolari u, fi kwalunkwe każ, tal-anqas darba fis-sena.

Artikolu 5

Politiki dwar l-użu tad-diskrezzjoni fil-kontribut ta' data tal-input

Jekk il-kodiċi ta' kondotta jipprevedi li kontributur juża d-diskrezzjoni fil-kontribuzzjoni ta' *data* tal-input, dan għandu jirrikjedi li l-kontributur jistabbilixxi politiki dwar l-użu tad-diskrezzjoni li jispeċifikaw mill-inqas dan li ġej:

(a) iċ-ċirkostanzi li fihom il-kontributur jista' jeżerċita diskrezzjoni;

(b) l-individwi fl-organizzazzjoni tal-kontributur li huma permessi li jeżerċitaw diskrezzjoni;

(c) il-kontrolli interni li jirregolaw l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni tal-kontributur skont il-politiki tiegħu;

(d) l-individwi fl-organizzazzjoni tal-kontributur li huma awtorizzati jwettqu evalwazzjoni *ex post* tal-eżerċizzju ta' diskrezzjoni.

Artikolu 6

Politiki ta' żamma tar-rekords

1. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jeħtieġu li l-kontributuri jistabbilixxu politiki taż-żamma li jiżguraw li jinżamm rekord mill-kontributur tal-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tiġi vverifikata l-aderenza tal-kontributur mal-kodiċi ta' kondotta, inkluż rekord ta' mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-politiki u l-proċeduri tal-kontributur li jirregolaw il-kontribuzzjoni tad-*data* tal-input u kwalunkwe bidla materjali lil dawk il-politiki u l-proċeduri;

(b) ir-reġistru ta' kunflitti ta' interess imsemmija fl-Artikolu (8)(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) kull azzjoni dixxiplinarja meħuda kontra kull persunal tal-kontributur fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-parametri referenzjarji;

(d) lista tas-sottomittenti u ta' persuni li jwettqu kontrolli fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet, inklużi l-ismijiet u r-rwoli tagħhom fl-organizzazzjoni tal-kontributur u d-dati meta dawn ġew awtorizzati u, fejn applikabbli, waqfu milli jkunu awtorizzati biex iwettqu r-rwoli related mas-sottomissjoni tagħhom;

(e) fir-rigward ta' kull kontribuzzjoni ta' *data* tal-input:

(i) id-*data* tal-input kontribwita;

(ii) id-*data* meħuda inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni tad-*data* tal-input u kull *data* li ġiet eskluża;

(iii) kull użu ta' diskrezzjoni;

(iv) kull verifika tad-*data* tal-input li twettqet;

(v) kull komunikazzjoni fir-rigward tal-kontribut tad-*data* tal-input bejn is-sottomittent u kull min fl-organizzazzjoni tal-kontributur li jwettqu spezzjonijiet fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet.

2. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jirrikjedi li l-politiki taż-żamma ta' rekords jipprovdu li l-informazzjoni tinżamm għal minimu ta' ħames snin, jew tliet snin fejn ir-rekords ikunu ta' konverżazzjonijiet telefoniċi jew komunikazzjonijiet elettroniċi, u jiġi maħżuna f'mezz li jippermetti li l-informazzjoni tkun aċċessibbli għal referenza fil-futur.

3. L-amministratur jista' jagħżel li jħalli barra r-rekwiżit fil-punt (iv) tal-paragrafu 1(e) fil-każ ta' kontributur li jikkontribwixxi d-*data* tal-input għal parametru referenzjarju sinifikanti.

4. L-amministratur jista' jagħżel li jħalli barra wieħed jew iż-żewġ rekwiżiti fil-punti (iv) u (v) tal-paragrafu 1(e) fil-każ ta' kontributur li jikkontribwixxi d-*data* tal-input lil parametru referenzjarju mhux sinifikanti.

Artikolu 7

Rappurtar ta' data tal-input suspettuża

1. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jirrikjedi lil kontributur li jistabbilixxi proċeduri interni dokumentati li jipprovdu lill-persunal tiegħu li jirrapportaw kull *data* tal-input suspettuża lill-funzjoni ta' konformità tal-kontributur, jekk ikun hemm, u lill-maniġment superjuri tal-kontributur.

2. Il-kodiċi ta' kondotta jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom kontributur għandu jirrapporta *data* tal-input suspettuża lill-amministratur, u għandu jispeċifika l-proċess u l-mezz tal-komunikazzjoni li għandhom jintużaw mill-kontributur biex jikkuntattja lill-amministratur.

Artikolu 8

Kunflitti ta' interess

1. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jirrikjedi li kontributur jistabbilixxi sistemi u kontrolli dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess li jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' politika dwar il-kunflitti ta' interess li tindirizza:

(i) il-proċess għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess, inkluż kull eskalazzjoni interna ta' kunflitti ta' interess;

(ii) il-passi biex jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kunflitti ta' interess fil-proċess għar-reklutaġġ ta' sottomittenti;

(iii) il-passi biex jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kunflitti ta' interess, fil-politiki ta' rimunerazzjoni għall-persunal tal-kontributur;

(iv) il-passi biex jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kunflitti ta' interess li jirriżultaw mill-istruttura ta' ġestjoni tal-kontributur;

(v) ir-rekwiżiti fir-rigward tal-komunikazzjonijiet bejn is-sottomittenti u l-persunal ieħor fl-organizzazzjoni tal-kontributur;

(vi) kull separazzjoni fiżika jew organizzattiva bejn is-sottomittenti u l-persunal l-ieħor tal-kontributur meħtieġa biex jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kunflitti ta' interess;

(vii) ir-regoli u l-miżuri biex jindirizzaw kull skopertura finanzjarja li l-kontributur jista' jkollu għal strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju li jirreferenzja l-parametru referenzjarju li għalih il-kontributur jikkontribwixxi d-*data* tal-input.

(b) l-istabbiliment ta' reġistru ta' kunflitti ta' interess li għandu jintuża biex jirreġistra kull kunflitt ta' interess identifikat u kull miżura meħuda biex dawn jiġu mmaniġġati, flimkien mar-rekwiżiti sabiex ir-reġistru jinżamm aġġornat u li l-awdituri interni jew esterni jiġu pprovduti b'aċċess għalih.

2. Il-kodiċi ta' kondotta għandu jirrikjedi li l-membri tal-persunal tal-kontributur li huma involuti fil-proċess ta' kontribuzzjoni jkunu mħarrġa fil-politiki, proċeduri u kontrolli kollha relatati mal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

3. L-amministratur jista' jagħżel li jħalli barra wieħed jew aktar mir-rekwiżiti fil-punti (iii), (v), (vi) u (vii) tal-paragrafu 1(a) fil-każ ta' kontributur li jikkontribwixxi d-*data* tal-input lil parametru referenzjarju mhux sinifikanti.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER